

Brussell, 11 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13994/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0234(COD)

AGRI 599
FOOD 72
ENV 1101
COMPET 971
SAN 578
MI 839
IND 523
CONSOM 353
ENT 212
CODEC 1822

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Direttiva Qafas dwar l-Iskart – Aspetti relatati mal-ikel
- *Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*
- *Skambju ta' fehmiet*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza li fih mistoqsijiet biex jitmexxa l-iskambju ta' fehmiet bejn il-Ministri dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2023.

Direttiva Qafas dwar l-Iskart – aspetti relatati mal-ikel

- Dokument ta' informazzjoni tal-Prezidenza

L-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli tistabbilixxi l-mira li l-ħela tal-ikel globali per capita titnaqqas bin-nofs fil-livelli tal-bejgħ bl-immnut u tal-konsumatur sal-2030 u li jitnaqqas it-telf tal-ikel tul il-katina tal-produzzjoni u tal-provvista, inkluż it-telf wara l-ħsad, bħala l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 12.3¹.

Fil-konklużjonijiet tiegħu adottati fit-28 ta' Ġunju 2016², il-Kunsill irrikonoxxa li t-tnaqqis tat-telf u l-ħela tal-ikel kien sfida globali li teħtieġ azzjoni globali, reġjonali u lokali, u appella lill-Istati Membri biex jikkonfermaw l-impenn tagħhom biex jintlaħaq l-SDG 12.3. Talab ukoll lill-Kummissjoni biex tiegħu inizjattivi, inkluż biex tintegra aħjar il-prevenzjoni tat-telf u l-ħela tal-ikel fil-katina tal-valur kollha.

Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart³, adottata fl-2008, tistabbilixxi l-kunċetti u d-definizzjonijiet bażiċi relatati mal-ġestjoni tal-iskart fil-livell tal-UE. Fl-2018, ġiet emendata bid-Direttiva (UE) 2018/851, li introduċiet obbligu li l-Istati Membri jiżviluppaw programmi speċifiċi għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, bħala parti mill-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart.

¹ <https://www.un.org/sustainabledevelopment/sustainable-consumption-production/>.

² 10730/16.

³ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti direttivi.

Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta b'aktar emendi għad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, inkluż miri legalment vinkolanti biex titnaqqas il-ħela tal-ikel. Dan huwa wieħed mill-impenji deskritti fl-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt. Bl-istess mod, il-proposta għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex jilħqu l-SDG 12.3.

Il-proposta tiddefinixxi l-miri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel fil-livell tal-Istati Membri, li għandhom jintlaħqu sal-31 ta' Diċembru 2030, kif ġej:

- Fl-istadju ta' "trasformazzjoni": b'10 %, meta mqabbel ma' dak li ġie ġġenerat fl-2020.
- Fl-istadji ta' "bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni", "ristoranti u servizzi tal-ikel" u "unitajiet domestiċi", flimkien bi 30 % (f'unitajiet per capita), meta mqabbel ma' dak li ġie ġġenerat fl-2020.

Il-proposta ma tinkludix miri għall-istadju tal-"produzzjoni primarja". Fil-Valutazzjoni tal-Impatt, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-iskart fil-produzzjoni primarja huwa kollateral għall-ineffċjenzi fil-katina alimentari li l-bdiewa m'għandhomx kontroll fuqhom, bħall-meteoroloġija jew is-suq.

Il-proposta fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar il-"Programmi għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel" tal-Istati Membri u miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri biex jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-ħela tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-ipproċessar u fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel u fl-unitajiet domestiċi. Dawk il-miżuri jinkludu dan li ġej:

- l-iżvilupp ta' interventi għall-bidla fl-imġiba u kampanji ta' informazzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel,
- l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ineffċjenzi fil-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel u l-appoġġ għall-kooperazzjoni fost l-atturi kollha, filwaqt li tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-miżuri ta' prevenzjoni,
- l-inkoraġġiment tad-donazzjoni tal-ikel u ridistribuzzjoni oħra għall-konsum mill-bniedem, il-prijoritizzazzjoni tal-użu mill-bniedem fuq l-għalf tal-annimali u l-ipproċessar mill-ġdid fi prodotti mhux alimentari,
- l-appoġġ għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet kif ukoll l-iffaċilitar tal-aċċess għal opportunitajiet ta' finanzjament, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-atturi tal-ekonomija soċjali.

Barra minn hekk, il-proposta tipprevedi li sa tmiem l-2027 il-Kummissjoni ser tirrieżamina l-livell ta' konformità mal-miri, bil-ħsieb li tipproċedi, fejn ikun xieraq, biex timmodifikahom, testendihom għal stadji oħra tal-katina tal-provvista tal-ikel jew tistabbilixxi miri ġodda lil hinn mill-2030.

Il-Presidenza tieħu nota li l-proposta hija importanti ħafna għas-settur agroalimentari. Il-fatt li l-proposta taffettwa direttament il-katina alimentari huwa rilevanti ħafna, b'mod partikolari minħabba li l-miri ta' tnaqqis huma stabbiliti fi stadji speċifiċi tal-katina alimentari.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza tqis li huwa xieraq li jsir skambju ta' fehmiet dwar il-proposta fil-Kunsill AGRIFISH, wara preżentazzjoni mill-Kummissjoni.

Il-Presidenza tipproponi li d-dibattitu jikkonċentra fuq il-kwistjonijiet relatati mal-ikel, abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1.- Kif tivvalutaw il-proposta, fejn jidħlu l-elementi relatati mal-ħela tal-ikel?
- 2.- Liema għodod tqisu li huma l-aktar xierqa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-proposta b'rabta mal-ħela tal-ikel?